

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- konformement mal-Artikolu 270 TFUE, tannulla d-deċiżjoni 028/2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE dwar iċ-ċaħda tal-kandidatura tar-rikorrent għall-funzjoni ta' Prosekutur Delegat Ewropew inkwantu infondata u illegali;
- tordna lill-UPPE tħallas kumpens lir-rikorrent minħabba ksur tal-protezzjoni tad-data personali tiegħu, il-proċeduri ta' ħatra inġusti u d-deċiżjoni illegali ta' ċaħda tal-kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni ta' Prosekutur Delegat Ewropew.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinwoka disa' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata biss fuq preżunzjonijiet u hija nieqsa minn motivazzjoni suffiċjenti.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-inklużjoni ta' informazzjoni fittizja dwar ir-rikorrent fid-deċiżjoni kkontestata.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq data personali relatata mar-rikorrent miksuba illegalment.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq vjolazzjoni tad-data personali tar-rikorrent mill-UPPE, inkluż fir-rigward ta' parti mid-data fid-deċiżjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija konnessa mas-sanzjoni dixxiplinari applikata fuq ir-rikorrent iktar minn ħmistax-il sena ilu u li hija bbażata fuq din is-sanzjoni dixxiplinari. Ma hemm ebda sistema legali u/jew att fl-Unjoni Ewropea li tippermetti li reati amministrattivi/nuqqas dixxiplinari jitqiesu bħala rilevanti wara li jkunu għaddew ħmistax-il sena.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li ebda wieħed mill-argumenti pprovduti mir-rikorrent ma ttieħed inkunsiderazzjoni. Ġew injorati.
7. Is-seba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-proċedura ta' ħatra ġiet miksura billi ġew applikati kriterji addizzjonali fil-konfront tar-rikorrent u billi dan ġie evalwat fuq perijodu itwal meta mqabbel mal-kandidati l-oħra. Għaldaqstant inkiser il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-kandidati kollha.
8. It-tmien motiv ibbażat fuq applikazzjoni ta' att legali li ma kienx jeżisti, fil-konfront tal-applikant, fil-kuntest taċ-ċaħda tal-kandidatura tiegħu.
9. Id-disa' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-Istat Membru u l-istituzzjoni tal-Unjoni wkoll inkiser mill-UPPE. L-opinjoni tal-istituzzjoni tal-Istat Membru li nnomina lill-persuna għall-pożizzjoni ta' Prosekutur Delegat Ewropew ġiet injorata. Qed jiġi sostnut ukoll li l-UPPE wettqet evalwazzjoni mhux xierqa tal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-persuna nnominata.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2021 – BZ vs BĊE**

**(Kawża T-631/21)**

(2021/C 513/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: BZ (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tas-16 ta' Marzu 2021 u tat-13 ta' Lulju 2021, peress li rispettivament: a) evalwaw mill-ġdid is-sitwazzjoni tar-rikorreni u nġhatat kumpens, *ex aequo et bono*, ta' EUR 50 000 għad-dannu (inkluż għad-dannu kkawżat minħabba l-irregolaritajiet identifikati fl-ittra tad-DĠ-HR tat-12 ta' Jannar 2021) ikkawżat lilha, u b) ċaħdu l-appell speċjali ppreżentat minnha fit-18 ta' Mejju 2021 kontra d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tas-16 ta' Marzu 2021;
- tordna lill-BĊE jħallas lir-rikorreni:
  - kumpens ta' EUR 200 000 għall-ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB fir-rigward tan-nuqqas ta' rispettt tal-ħajja privata tar-rikorreni, mill-aspetti tad-dinjità u tal-integrità professjonali;
  - kumpens ta' EUR 130 000 għall-ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB fir-rigward tan-nuqqas ta' rispettt tal-ħajja privata tar-rikorreni, mill-aspett tad-dritt għas-saħħa tagħha;
  - kumpens għad-dannu morali ta' EUR 20 000 għall-użu tar-rapport ta' investigazzjoni vvizzjat u tad-deċiżjoni annullata fil-Kawża F-43/10, bit-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti [kunfidenzjali];
  - l-ammont li għandu jiġi kkalkolat wara l-eżitu tal-Kawża pendenti T-500/16 għal telf ta' dħul;
  - kumpens għad-dannu morali ta' EUR 20 000 għall-qerda tal-fajls tal-investigazzjoni;
  - kumpens għad-dannu morali ta' EUR 52 000 għad-dewmien fl-evalwazzjoni tagħha u tad-deċiżjoni għas-sena 2007 fir-rigward tal-proċedura dwar ir-reviżjoni annwali tas-salarji u tal-bonus, għall-perijodu bejn l-2007 u l-2021;
  - kumpens għad-dannu morali u materjali ta' EUR 150 000 li jirriżulta min-nuqqas ta' evalwazzjoni u min-nuqqas ta' deċiżjoni dwar ir-reviżjoni annwali tas-salarji u tal-bonus;
  - kumpens ta' EUR 700 000 għat-telf definittiv tal-opportunità li jirriżulta min-nuqqas ta' investigazzjoni ġdida (dannu morali u materjali).
- tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż tiegħu, kif ukoll għal dawk tar-rikorreni għal dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tas-16 ta' Marzu 2021 hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll żnaturament u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8.2.1 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-BĊE u tal-Artikolu 42 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-BĊE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE, inkluż in-nuqqas ta': a) għoti ta' kumpens xieraq għad-danni mġarrba, minflok kumpens abbażi ta' ekwità (b'mod partikolari, *ex aequo et bono*); b) kumpens lir-rikorreni b'mod xieraq għall-inkonvenjenti/danni kollha, inkluż kumpens għat-telf tal-opportunità kkawżat mill-fatt li l-BĊE ma jistax iwettaq l-investigazzjoni mill-ġdid, kif ukoll abbażi tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni; u ċ) rimedju tal-effetti fil-passat tad-deċiżjonijiet annullati.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' trasparenza u ta' amministrazzjoni tajba u tal-Artikoli 41, 42 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u tad-dritt ta' aġir.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura, tal-benesseri tal-persunal u tal-Artikoli 21 u 31 tal- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2021 – energy cake vs EUIPO – Foodtastic (ENERGY CAKE)**

**(Kawża T-686/21)**

(2021/C 513/46)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: energy cake GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: A. Bernegger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjeta Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Foodtastic GmbH (Dortmund, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ENERGY CAKE – Trade mark verbali tal-Unjoni Nru 14 800 935

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Awwissu 2021 fil-Każ R 2324/2020-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) moqri flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2021 – BNP Paribas Public Sector vs SRB**

**(Kawża T-688/21)**

(2021/C 513/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: BNP Paribas Public Sector SA (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Champsaur u A. Delors, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni